MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 156/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Camilleri talli fix-xhur ta’ Ottubru u Novembru 2003, f’diversi postijiet ta’ Malta u fil-konfront ta’ diversi persuni, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Louis Cuschieri, wegga’ lill-istess Louis Cuschieri bi kliem u bil-kitba jew b’xi mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Camilleri hati

ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta’ tliet mitt liri Maltin (Lm300);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Carmel Camilleri pprezentat fl-20 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjoni kif migjuba kontrih u kosegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija fis-sentenza appellata, tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant iressaq diversi aggravji. Jghid li l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tieghu sabiex issir perizja kaligrafika tal-firem fuq ic-cekkijiet li ghalihom saret referenza waqt is-smiegh tal-provi kif ukoll li ma nghatax smiegh xieraq peress illi ma thalliex jaghmel referenza ghall-kawza civili li fiha huwa nvolut il-kwerelant (it-talba tieghu biex jigi allegat il-process fil-fatt giet michuda).

Dwar dawn l-aggravji, din il-Qorti tirreferi, bhalma del resto rreferiet ukoll l-ewwel Qorti, ghall-artikolu 253 tal-Kodici Kriminali li, fis-subartikolu (1) tieghu jipprovdi li l-imputat tad-delitt imsemmi fl-artikolu 252 (cioe` d-delitt li bih gie akkuzat l-appellant) ma jistax, biex jehles mill-htija, jipprova li l-fatt attribwit lill-persuna offiza huwa veru jew maghruf minn kulhadd. Il-prova tal-verita` tista' ssir biss fic-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 253, u cioe`:

**"(a) jekk l-offiz ikun ufficjal jew impjegat pubbliku, u l-fatt attribwit lilu jkollu x'jaqsam ma' l-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, u jekk l-imputat, fil-bidu tas-smigh tal-kawza, jiehu r-responsabbilta` ta' l-ingurja u jiddikjara illi b'difiza tieghu jrid jaghmel il-prova tal-verita` tal-fatt attribwit minnu lill-offiz:**

**Izda din id-disposizzjoni ma tghoddx fil-kaz tar-reati ikkuntemplati fl-artikoli 93 u 95;**

**(b) jekk il-kwerelant jitlob formalment illi fis-smigh tal-kawza jigi wkoll zgurat jekk hux veru jew falz il-fatt attribwit lilu."**

Dawn ic-cirkostanzi mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern, u billi l-ewwel subartikolu jipprekludi lill-appellant (allura imputat) milli jipprova l-verita` tal-fatt, ghamlet sew l-ewwel Qorti li ma laqghetx it-talbiet fuq imsemmija li ghamel l-appellant peress illi l-provi li xtaq igib kienu intizi proprju biex jaghmel dak li l-ligi ma tippermettilux li jaghmel. Konsegwentement dawn l-aggravji huma michuda.

Aggravju iehor ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Isostni li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li skond il-provi mressqa l-ewwel Qorti messha waslet ghal decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha, u li f'kaz ta' htija semmai seta' kien biss applikabbli s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 252 tal-Kap. 9 u mhux ukoll is-subartikoli (1) u (3) ta' dak l-artikolu.

Tajjeb hawn li wiehed ifakkar li huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Fil-kaz in ezami din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda kollha *viva voce* u ma ssib l-ebda raguni biex tvarja l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-htija ta' l-appellant, salv dak li ser jinghad aktar 'il quddiem.

L-ingurja li minnha lmenta l-kwerelant hija fis-sens li ftit qabel l-elezzjonijiet ghall-kumitat tas-socjeta` muzikali San Guzepp tal-Hamrun, l-appellant beda jghid lil xi socji tal-kazin li l-kwerelant (li kien hareg ghall-kariga ta' President) kien frodist u beda juri fotokopji tal-karta ta' l-identita` ta' certu Saviour Micallef u ta' xi cekkijiet li fuqhom kienu jidhru l-firma ta' Louis Cuschieri (il-kwerelant) u ta' Saviour Micallef li dan Saviour Micallef kien qieghed jallega li ma kinitx il-firma tieghu. L-appellant ikkonferma li wera dawn id-dokumenti lil xi socji u dan ghamlu, skond hu, biex jispjegalhom ghaliex ma setax izomm mas-*side* tal-kwerelant; pero` cahad li uza l-kelma "frodist". Mill-banda l-ohra mill-anqas seba' persuni[2] xehdu li l-appellant irrefera ghall-kwerelant b'dik il-kelma, u din il-Qorti, li, bhall-ewwel Qorti, kellha l-opportunita` li tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, u tikkunsidra jekk ix-xiehda kollha li nghatat ghandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, ma ssib l-ebda raguni biex ma temminx dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Dwar ir-reat kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kap. 9, din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Bernard Pace, Tony Zahra, Charles Cremona, Louis Schembri, Paul Abdilla, Joseph Buttigieg u Tony Attard.

**Il-Pulizija v. Joseph Gauci** deciz fit-3 ta' Settembru 2001, qalet hekk:

**"… ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc.) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-*animus injuriandi*. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu *animus corrigendi*, jew *animus consulendi*, jew *animus jocandi* ma jistax jinghad li hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali (ghalkemm fil-kaz ta' kliem li jinghad *animus jocandi* jista' jkollok, fil-ligi taghna, l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e)). L-istess jista' jinghad jekk persuna tkun ragjonevolment tahseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' haddiehor) jew, anke jekk il-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun ragjonevolment tahseb li qed issir xi haga li tista' tkun ta' hsara ghaliha jew ghal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita` kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' ingurja. Kif gie mfisser mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet *Emmanuele Baldacchino v. Stella Abela et* (Appell Kriminali, 6 ta' Dicembru 1948):**

**'… hu principju sancit mill-gurisprudenza illi jekk persuna, ghal ragunijiet tajba, tkun gustifikata illi tahseb ragjonevolment, u mhux bla motiv gust, illi haddiehor ghamel reat ghad-dannu taghha, u timputalu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soggetta ghal proceduri ghall-ingurja. Izda hi kondizzjoni, fost ohrajn, ta' l-applikabilita` ta' dan il-principju illi l-imputazzjoni ghandha ssir bl-anqas pubblicita` possibbli. Jekk, b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi hadd prezenti, b'daqshekk il-privilegg ma jintilifx necessarjament,**

**<u>basta li jirrizulta li l-imputazzjoni ma gietx komunikata lil persuni ohra 'avvicinati bla bzonn'</u> (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali)".**

L-appellant avvicina persuni, socji tas-socjeta` muzikali msemmija, bl-iskop li jinfluwixxi fuq il-possibbilta` li l-kwerelant jintghazel ghall-kariga hawn fuq imsemmija. Ghalhekk dak li ghamel ghamlu bl-iskop li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-kwerelant. Il-kliem li uza kien manifestament ingurjuz fil-konfront tal-kwerelant u d-dokumenti li kellu fil-pussess tieghu beda jurihom biex isahhah dak li kien qieghed jghid. Ghaldaqstant u anke fid-dawl tal-bran hawn fuq riportat, l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tirrizulta debitament pruvata, b'dan li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 252 mhuwiex applikabbli izda huma applikabbli s-subartikoli (1) u (3) ta' l-istess artikolu 252 tal-Kap. 9.

Aggravju iehor ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eccessiva. L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) wara li applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9.

In materja ta' piena, il-principju regolatur huwa li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li fil-fatt tkun inghatat.

Din il-Qorti tqis l-ingurja li saret fil-konfront tal-kwerelant bhala ingurja serja li setghet kellha riperkussjonijiet aktar gravi milli t-telfien ta' elezzjoni ghal kariga fil-kumitat ta' socjeta` muzikali. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni li ezercitat l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena anke peress illi taqa' fil-parametri tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------